**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 25 ta' Mejju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Matthew Spagnol**

**Vs**

**Giulio Zarb**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Giulio Zarb ta' 57 sena, mwieled San Giljan nhar it-2 t'Ottubru, 1957, iben il-mejtin Amabile u Mary xebba Borg, u residenti 91, Triq Spinola, San Giljan. Detentur tal-karta tal-identita' 657757M;

Talli f'dawn il-gzejjer fil-perjodu ta' Novemrbu, 2014 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' sitt elef euro (€6,000) ghad-dannu ta' Francis Buttigieg, liema somma giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2) U wkoll tallifl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehorm ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji,

jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ sitt elef euro (€6,000) ghad-dannu ta’ Francis Buttigieg;

3) Akkuzat aktar talli f’dawn il-gzejjer ikkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula;

4) U finalment talli fl-istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li dan kien gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fis-7 ta’ Mejju, 2015, Francis Buttigieg kien ghamel rapport lill-Pulizija li hu kien ta xi flus lil Giulio Zarb, l-imputat odjern, biex jinnegozjaw proprjeta’ bejniethom, kif ukoll biex jinkisbu visas ghal persuni ta’ nazzjonalita’ barranija sabiex tifetah kumpanija ghalihom. Dan il-hlas kien sar ghall-habta ta’ Novembru u Dicembru tal-2014. Meta l-Pulizija baghtet ghal Zarb, huwa qal li kien ha xi flus minn ghand Buttigieg, u li kien uzahom ghal skopijiet tieghu, u li kien lest ihallashom lura. Il-Pulizija ghalhekk ressqet lil Zarb b’dawn l-akkuzi.

Il-provi prodotti juru bic-car li Buttigieg kien ta flus lil Zarb biex jinkisbu visas ghal persuni barranin, kif ukoll sabiex tinxtara xi proprjeta’ mid-dipartiment tal-artijiet. Meta Buttigieg baqa’ jippressa lil Zarb ghal diversi xhur biex jara f’hiex kienu waslu l-visas u x-xiri tal-proprjeta’, u meta ra li ma kien hemm ebda zvilupp la fuq wahda u l-anqas fuq l-ohra, huwa mar ghamel rapport fil-konfront ta’ Zarb. Quddiem din il-Qorti xehdu l-ufficjal investigattiv, Carole Fabri, kif ukoll il-parti leza, Francis Buttigieg, li t-tnejn ikkonfermaw din l-istess verzjoni ta’ fatti. Min-naha taghha, l-imputat ma ressaq ebda prova. Anzi, fl-istqarrija rilaxxata minnu, jaqbel li ghandu jaghti somma flus lil Buttigieg, u li kien ser ihallsu minnufih, izda dan baqa’ ma ghamlu qatt.

Ta' min jigi rilevat ukoll li l-imputat naqas milli jidher il-Qorti ghal diversi seduti, u ghalhekk din il-kawza spiccat damet kwazi sentejn ghal xejn. Mill-provi prodotti ma hemm ebda dubju li Zarb kien ikkonvinca lil Buttigieg li seta' jagevolah fil-kisba ta' visas ghal persuni barranin, kif ukoll ghal xiri ta' art tal-gvern, izda l-flus li nghataw lilu intuzaw ghal skopijiet ohra. Dan hu l-kaz klassiku tal-frodi, li ggieghel persuna temmen li tista' tikseb xi qligh jew gwadann ghaliha. Ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati ta' dawn l-akkuzi. Peress illi l-imputat huw awkoll recidiv, kif jirrisulta mis-sentenzi esebiti fl-atti, il-piena li ghandha tinghata hija dik ta' prigunerija effettiva. Inoltre, l-imputat wettaq dan ir-reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, li ghalhekk ser tiddahhal fis-sehh ukoll.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 28A, 49, 50, 293, 294, 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghall-piena ta' sentejn prigunerija.

Tordna d-dhul fis-sehh tas-sentenza ta' prigunerija sospiza datata 8 ta' Mejju 2014, fejn l-imputat kien hie kkundannat ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il xahar (18), u ghalhekk l-imputat ghandu jservi sentejn u sitt xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**